# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERĊIEĊA LL.D.

## Rikors Nru. 742/2018GM

**BNF BANK PLC GIA BANIF BANK (MALTA) PLC(41030)**

**VS**

**ANTONIO AUGUGLIARO K.I. NUMRU 204478M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ġuramentat imressaq fit-13 ta' Lulju 2018 minn BNF Bank plc fejn esponiet bir-rispett u Luke Bonello KI numru 338282M, għan-nom u in rapprentenza tal-kumpanija attrici jikkonferma bil-ġurament is-segwenti fatti u li jafhom personalment:-

1. Illi l-kumpanija attrici hi bank kummercjali licenzjat taħt il-Liġijiet ta' Malta biex fost l-oħrajn issellef flus lil-klijenti tagħha;
2. Illi l-konvenut huwa klijent tal-kumpanija attriċi u ħa minn għandha self biex jiffinanzja l-akkwist ta' vettura;
3. Illi dan is-self, konċess ai termini ta' Credit Agreement datat 6 ta' Settembru 2013 (ara Dok A) kien jikkonsisti f'Personal Loan ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000) u jirrigwarda il-Personal Loan Account numru 41980 71 001 miżmum mill-konvenut mal-kumpanija attriċi:
4. Illi l-konvenut naqas milli jħallas lura dan is-self u fuq l-imsemmi Personal loan Account għad fadal bilanċ dovut ta' ħmistax il-elf, seba mija u wieħed u għoxrin euro u tmien ċenteżmi (€15,721.08) liema bilanċ jinkludi imgħaxijiet ta' tlett mija u ħamsa u disgħin euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€395.76), maħduma sat-12 ta' Lulju 2018 (Dok B);

5. Illi minbarra dan is-self, il-konvenut għandu jħallas lill-kumpanija attriċi s-somma ulterjuri ta' ħamsa u sebgħa u disgħin euro u żewġ ċenteżmi (€597.02) bl-imgħaxijiet t'Euro u tmienja u disgħin centeżmu (€1.98) inklużi u maħduma sat-12 ta' Lulju 2018 (ara Dok C). Dan l-ammont hu dovut fuq il-Current Account numru 41980 10 011 li l-konvenut għandu mal-kumpanija attriċi (ara Dok D);
6. Illi in vista tas-suespost, l-ammont dovut mill-konvenut lill-kumpanija attriċi sat-12 ta' Lulju 2018, kien ta' sittax il-elf, tlett mija u tmintax-il ewro u għaxar centeżmi (€16,318.10);
7. Illi dan l-ammont sar dovut kollu lill-kumpanija attriċi:
1. Kwantu l-Personal Loan fuq imsemmiha, ai termini ta' klawsola numru 14 tal-credit agreement immarkat Dok A u fuq imsemmi u dan għax kif stipulat f'dik l-istess klawsola, seħħew waħda jew aktar mill-events of default imsemmija fl-istess credit Agreement, partikolarment, iżda mhux esklussivament:

   "a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the facility,

   b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the facility,

   n. any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower's under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility", u

   II. Kwantu l-Current account fuq imsemmi, ai termini ta' klawsola numru 5 tat-Terms and Conditions (ara dok E) u klawsola numru 6 tal-Conditions of Use (ara Dok F) marbuta mal-Current Accounts;

2. Illi l-kumpanija attriċi ttentat tinterpella lill-konvenut diversi drabi biex iħallasha d-dejn, fosthom permezz ta' ittra legali datata 2 t'Ottubru 2017 (ara Dok G), u ittra uffiċċjali numru 94/2018 maħruġa a ternur tal-Artikolu 166A tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) 9ara Dok H) iżda dan baqa inadempjenti u saħansitra oppona l-imsemmiha ittra uffiċċjali permezz ta' nota (ara Dok I);
3. Illi l-kreditu tal-kumpanija attriċi huwa ċert, likwidu u dovut u l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attriċi;
4. Illi għalhekk jesistu l-elementi kollha rikjesti mill-liġi a ternur ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi, l-kumpanija attriċi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, ai termini ta' l-artikoli 167 et seq tal-kap tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Tiddikjara li l-konvenut sar debitur tal-kumpanija attriċi fl-ammont ta' €16,318.10; u
3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-kumpanija attriċi l-ammont ta' €16,318.10;

Bl-ispejjeż, bank charges and fees u bl-imgħaxijiet mit-12 ta' Lulju 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-Bank Charges u fees qed jintalbu kwantu l-Personal Loan fuq imsemmiha, ai termini tal-credit Agreement fuq imsemmi u mmarkat Dok A u t-Tariff of Charges relattivi (ara dok J); u kwantu l-current account fuq imsemmi, ai termini tat-Terms and Conditions of Use mmarkati

dok E u F u t-Tariff of Charges relattivi għall-Current Accounts (ara Dok K); liema dokumenti tqiesu li saru japplikaw appena l-konvenut aċċetta li jieħu l-faċilitajiet bankarji mingħand il-kumpanija attriċi.

L-imgħaxijiet qed jintalbu bir-rati segwenti:

1. Disgħa punt sebgħa fil-mija (9.7%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Personal Loan account imsemmi aktar '1 fuq (ara klawsoli numri 129c) u 14 fuq Dok A fuq imsemmi), u
2. Għaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Current Account imsemmi aktar l-fuq (ara marker bl-aħdar fuq Dok K).

Il-konvenut huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni u dan b'riserva għal kull dritt ieħor spettanti lil-kumpanija attriċi fil-konfront tal-istess konvenut.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat in-nota ta' ammissjoni ta' l-intimat Antonio Augugliaro data 4 t'Ottubru 2018;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-każ;

Ikkunsidrat:-

Illi in vista tal-ammissjoni indikata fil-paragrafu preċedenti din il-Qorti hi sodisfatta li l-bank rikorrenti pprova t-talbiet tiegħu skont il-ligi, u konsegwentement:

DECIDE:

1. Tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-intimat Antonio Augugliaro biex iħallas lill-Bank rikorrenti, l-BNF Bank plc gja' Banif Bank (Malta) p.l.c., s-somma ta' sittax-il elef, tlett mija u tmintax-il Ewro u għaxar ċentezmi (€16,318.10), bilanċ dovut mill-istess intimat lill-imsemmi bank rikorrenti skont it-talbiet u dokumenti esebiti, flimkien mal-imgħax ulterjuri lilu dovut mit-12 ta' Lulju, 2018, sad-data tal-effettiv pagament;
2. Bl-ispejjeż kif dedotti fl-istess rikors ġuramentat promotur kontra l-imsemmi intimat.

Onor. Grazio Merċieċa
IMHALLEF